Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16548/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0101 (COD)

JAI 1878
ASILE 120
ASIM 91
CODEC 2054

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 16025/25 |
| Nru dok. Cion: | 8042/25 + ADD 1 |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni<br>- *Approċċ ġenerali* |

Fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill laħaq Approċċ ġenerali dwar il-proposta msemmija hawn fuq.

Iż-żidiet, meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni, jidhru b'***tipa grassa u bil-korsiv*** u t-tħassir bħala […]. Fir-rigward tal-bidliet introdotti mill-Presidenza għar-Regolament (UE) 2024/1348, li ma kinux inklużi fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, iż-żidiet meta mqabbla mat-test attwali ta' dak ir-Regolament jidhru b'***<u>tipa grassa sottolinjata</u>*** u t-tħassir bħala **[…]**.

2025/0101 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2), il-punt (d) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjonijiet tal-Kumitat tar-Reġjuni[2][…]

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

1 ĠU C , , p. .
2 ĠU C , , p. .

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], […] japplikaw regoli speċifiċi meta applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini sikur. B'mod partikolari, l-eżami ta' applikazzjoni għandu jiġi aċċellerat u, jekk l-applikant ikun għadu ma ġiex awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istati Membri, Stat Membru jista' jeżamina l-merti ta' applikazzjoni fi proċedura fuq il-fruntiera.

(2) ***Ir-Regolament (UE) 2024/1348 jipprevedi l-possibbiltà li pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.*** Huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur bħala għodda essenzjali biex jiġi appoġġat l-eżami rapidu tal-applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi billi pajjiżi terzi jkunu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu indirizzati xi wħud mid-diverġenzi eżistenti bejn il-listi nazzjonali tal-Istati Membri ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri. Għalhekk**,** jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. Filwaqt li l-Istati Membri jżommu d-dritt li japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-deżinjazzjoni nazzjonali ta' pajjiżi terzi minbarra dawk iddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li tali deżinjazzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni tiżgura li l-kunċett jiġi applikati mill-Istati Membri kollha b'mod uniformi fir-rigward ta' applikanti li l-pajjiżi ta' oriġini tagħhom ikunu ddeżinjati.

---

[3] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L, 2024/1348, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).

(3) Il-fatt li pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali, ma jistax ikun garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż***, anke għal dawk li ma jappartjenux għal kategorija ta' persuni li għalihom issir eċċezzjoni meta l-pajjiż jiġi ddeżinjat bħala pajjiż ta' oriġini sikur,*** u għalhekk ma jwarrabx il-ħtieġa li jsir eżami individwali tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali***. Fin-natura stess tagħha, il-valutazzjoni li tkun il-bażi tad-deżinjazzjoni tista' tieħu kont biss taċ-ċirkostanzi ġenerali, ċivili, legali u politiċi f'dak il-pajjiż u tikkunsidra jekk l-awturi tal-persekuzzjoni, tat-tortura jew ta' trattament jew kastig inuman jew degradanti humiex soġġetti għal sanzjonijiet fil-prattika meta jinstabu responsabbli f'dak il-pajjiż***. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikant ma jkunx jista' jipprovdi elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalih, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali, u dment li l-applikant ikollu n-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż jew ikun persuna apolida u qabel kien abitwalment residenti f'dak il-pajjiż. L-applikazzjoni tal-kunċett fil-qafas ta' valutazzjoni individwali hija mingħajr preġudizzju għall-fatt li ċerti kategoriji ta' applikanti jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċifika fil-pajjiżi terzi ddeżinjati u għalhekk jista' jkollhom biża' ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċaw riskju reali li jsofru dannu serju.

*(3a) Il-valutazzjoni ta' jekk pajjiż terz għandux jiġi ddeżinjat bħala pajjiż terz sikur hija bbażata fuq firxa ta' sorsi ta' informazzjoni rilevanti u disponibbli, inkluż informazzjoni minn Stati Membri, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil ("l-Aġenzija għall-Ażil"), is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati, il-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra. Fejn disponibbli, il-valutazzjoni tqis ukoll l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348. Abbażi ta' firxa ta' sorsi ta' informazzjoni bħal dawn, għadd ta' pajjiżi terzi jitqiesu li jikkwalifikaw bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri.*

(4) Fir-rigward tal-pajjiżi li ngħataw l-istatus ta' Stati kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-prinċipji li kull pajjiż li jixtieq isir Stat Membru għandu jikkonforma magħhom. Dawn il-kriterji ġew stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen fl-1993 u ssaħħu mill-Kunsill Ewropew ta' Madrid fl-1995. Dawn huma l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom; ekonomija tas-suq li tiffunzjona u li kapaċi tiffaċċa l-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE; u l-kapaċità tal-pajjiż li jassumi l-obbligi tas-sħubija, inkluż il-kapaċità li jimplimenta b'mod effettiv ir-regoli, l-istandards u l-politiki li jiffurmaw il-korp tad-dritt tal-UE, u tal-aderenza mal-għanijiet tal-unjoni politika, ekonomika u monetarja. Pajjiż jingħata l-istatus ta' pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew abbażi ta' opinjoni mill-Kummissjoni Ewropea, imfassla wara l-applikazzjoni tal-pajjiż ***għal*** sħubija fl-Unjoni.

---

[4] *Ir-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (ĠU L 468, 30.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2303/oj).*

(5) […][5][…]

[5] […]

(6) Il-pajjiżi kandidati tal-UE ngħataw dan l-istatus mill-Kunsill Ewropew permezz ta' deċiżjoni unanima, wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. B'mod partikolari, fir-rigward tal-kriterji politiċi għas-sħubija fl-UE, il-pajjiżi kandidati tal-UE nstabu li għamlu progress biex jilħqu l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li dawk il-pajjiżi terzi li ngħataw status ta' kandidat tal-UE jenħtieġ li ***jitqiesu bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/1348 u għalhekk jenħtieġ li jiġu*** ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri ***fil-livell tal-Unjoni.***[6] ***Madankollu, jenħtieġ li jitqies kif xieraq il-fatt li s-sitwazzjoni f'pajjiż kandidat tista' tinbidel tant li jkun meħtieġ li d-deżinjazzjoni tal-pajjiż bħala pajjiż ta' oriġini sikur ma tibqax tapplika. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi li d-deżinjazzjoni tal-pajjiżi terzi li ngħataw status ta' kandidat tal-UE ma tibqax valida***[…] fejn tkun tapplika ***kwalunkwe*** waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin: ikun hemm theddida […] serja għall-ħajja jew għall-persuna ta' persuna ċivili minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż; ikunu ġew adottati miżuri restrittivi, skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea minħabba l-azzjonijiet tal-pajjiż, ***li jaffettwaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali li huma rilevanti għad-deżinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur***; jew[…] ir-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha li tappartjeni għall-applikanti mill-pajjiż tkun ogħla minn 20 %. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri ma japplikawx il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur għall-applikanti minn pajjiż kandidat tal-UE matul il-perjodu li fih jippersistu ċ-ċirkostanzi previsti minn dan ir-Regolament.***

[6] ***Dawn id-deżinjazzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni futura li għandha tittieħed mill-Kunsill Ewropew jew mill-Kunsill dwar l-ammissjoni ta' Stati kandidati fl-Unjoni.***

(6a) *Huwa essenzjali li d-deżinjazzjoni bħala pajjiżi ta' oriġini sikur tal-Istati li huma kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni tiġi applikata b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha, inkluż fir-rigward taċ-ċirkostanzi stabbiliti f'dan ir-Regolament fejn jenħtieġ li dawk il-pajjiżi ma jibqgħux jitqiesu bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri. Biex tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tipprovdi ċertezza legali, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja kontinwament is-sitwazzjoni fil-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni u tinforma lill-Istati Membri u lill-Kunsill fejn kwalunkwe waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi tapplika jew ma tibqax tapplika f'wieħed minn dawk il-pajjiżi. Billi jista' jkun hemm implikazzjonijiet għar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni u tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tinfurmax lill-Istati Membri bil-fatt li teżisti theddida serja għall-ħajja jew għall-persuna ta' persuna ċivili minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjoni ta' konflitt armat internazzjonali jew intern f'pajjiż kandidat tal-UE mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill. Għaldaqstant, qabel ma tinforma lill-Istati Membri bi kwalunkwe theddida serja minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjoni ta' konflitt armat internazzjonali jew intern f'pajjiż kandidat tal-UE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinnotifika lill-Kunsill, u jenħtieġ li dan jagħti l-approvazzjoni tiegħu minn qabel.*

*(6b) Meta tinforma lill-Istati Membri u lill-Kunsill dwar jekk teżistix theddida serja għall-ħajja jew għall-persuna ta' persuna ċivili minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern fi Stat kandidat għall-adeżjoni mal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis firxa wiesgħa ta' sorsi ta' informazzjoni rilevanti, inkluż informazzjoni minn kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija rilevanti tal-Unjoni jew organizzazzjoni internazzjonali. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tqis jekk il-Kunsill Ewropew jew il-Kunsill ikunx irrikonoxxa l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' konflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż terz ikkonċernat. Bl-istess mod, meta tinforma lill-Istati Membri u lill-Kunsill li ma għadx hemm theddida serja għall-ħajja jew għall-persuna ta' persuna ċivili minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern f'pajjiż kandidat tal-UE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tqis il-fatt li l-Kunsill Ewropew jew il-Kunsill ikun irrikonoxxa li ċ-ċirkostanzi rilevanti ma għadhomx jeżistu.*

(7) Fir-rigward tal-Kosovo[7], skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, 16-il Stat Membru bħalissa jiddeżinjaw lill-Kosovo bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kosovo kienet ta' 5 % fl-2024. Il-Kosovo huwa kandidat potenzjali għas-sħubija mal-Unjoni. Il-Kostituzzjoni tiegħu tinkorpora l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kosovo huwa demokrazija rappreżentattiva parlamentari b'diversi partiti u b'diviżjoni tal-poter bejn l-istituzzjonijiet leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji u l-qafas legali rilevanti huwa konformi mal-istandards Ewropej. B'mod ġenerali**,** il-qafas legali jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u jikkonforma mal-istandards Ewropej. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Kosovo lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. Ma hemm l-ebda riskju ta' dannu serju fil-Kosovo skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament 2024/1347[8]. Ma hemm l-ebda piena tal-mewt fil-liġi nazzjonali u l-awtoritajiet tal-Kosovo juru impenn għall-prevenzjoni tat-tortura u tat-trattament ħażin. Ma hemm l-ebda konflitt armat fil-Kosovo u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern. Ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-Kosovo skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

---

[7] Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

[8] Ir-Regolament (UE) 2024/1347 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE u jħassar id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/1347, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1347/oj)

(8) Fir-rigward tal-Bangladesh, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, sitt Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Bangladesh bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kosovo kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika xi strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Bangladesh huwa repubblika parlamentari rregolata minn Kostituzzjoni, li tippreskrivi s-separazzjoni tas-setgħat bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Bangladesh lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta***l-***piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament 2024/1347. Għalkemm il-Bangladesh għad għandu l-piena tal-mewt u ma ffirmax it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt, is-sentenzi tal-mewt rari jiġu eżegwiti. Il-Bangladesh irratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda konflitt armat fil-Bangladesh u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/1347.

(9) Fir-rigward tal-Kolombja, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, l-ebda Stat Membru bħalissa ma jindika l-Kolombja bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent għall-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kolombja kienet ta' 5 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kostituzzjoni tal-1991 u l-ġurisprudenza sussegwenti mill-Qorti Kostituzzjonali jipprevedu garanziji b'saħħithom tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kolombja hija repubblika federali b'sistema politika rappreżentattiva demokratika u diviżjoni tas-setgħat bejn il-fergħat eżekuttivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni mifruxa ta' ċittadini tal-Kolombja lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta***l***-piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' dannu serju fil-Kolombja skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347, ħlief f'żoni rurali speċifiċi mingħajr preżenza integrali tal-Istat. Il-piena tal-mewt hija projbita skont il-Kostituzzjoni Kolombjana. Il-qafas legali li jipprojbixxi t-tortura u t-trattament inuman jew degradanti tal-piena huwa f'konformità mal-istandards internazzjonali. Ma hemm l-ebda theddida ġeneralizzata minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/1347.

(10) Fir-rigward tal-Eġittu, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, bħalissa, sitt Stati Membri jiddeżinjaw lill-Eġittu bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha għall-applikanti mill-Eġittu kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. L-Eġittu huwa repubblika fejn il-President iservi kemm bħala l-kap ta' stat kif ukoll bħala l-kap tal-eżekuttiv. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Eġittu lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta***l***-piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Għalkemm l-Eġittu għad għandu l-piena tal-mewt skont il-Kodiċi Penali u l-liġijiet militari, l-Eġittu rratifika l-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra. Fl-Istrateġija Nazzjonali tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Eġittu ddikjara l-intenzjoni tiegħu li jirriforma l-liġi dwar l-arrest preventiv, itejjeb il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, jillimita l-għadd ta' atti kriminali kkastigati bil-mewt u jsaħħaħ il-kultura tad-drittijiet tal-bniedem fl-istituzzjonijiet kollha tal-gvern. Hemm bżonn implimentazzjoni effettiva, għax il-progress li sar sa issa kien fl-aspetti istituzzjonali. Ma hemm l-ebda konflitt armat fl-Eġittu u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/1347.

(11) Fir-rigward tal-Indja, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, disa' Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Indja bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Indja kienet ta' 2 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. L-Indja hija repubblika kostituzzjonali u demokrazija parlamentari. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Indja lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta***l***-piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Filwaqt li l-Indja għad għandha l-piena tal-mewt fid-dritt kriminali tagħha u ma ffirmatx it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt, madankollu, fil-prattika l-piena tal-mewt ma ġietx applikata mill-2020 'l hawn. L-Indja […] ***ffirmat*** il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda konflitt armat fl-Indja u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/1347.

(12) Fir-rigward tal-Marokk, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, 11-il Stat Membru bħalissa jiddeżinjaw lill-Marokk bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Marokk kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Marokk huwa monarkija parlamentari. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Marokk lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta***l***-piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Il-Marokk osserva moratorju fuq l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt mill-1993, għalkemm għad għandu l-piena tal-mewt fid-dritt kriminali tiegħu u ma rratifikax it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. Il-Marokk irratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda konflitt armat fil-Marokk u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/1347.

(13) Fir-rigward tat-Tuneżija, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, 10 Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lit-Tuneżija bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent għall-Unjoni kollha għall-applikanti mit-Tuneżija kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kostituzzjoni tal-2022 tistabbilixxi sistema presidenzjali. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tat-Tuneżija lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta***l***-piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. It-Tuneżija osservat moratorju fuq l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt mill-1991, għalkemm għad għandha l-piena tal-mewt fid-dritt kriminali tagħha u ma rratifikatx it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. It-Tuneżija rratifikat il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda konflitt armat fit-Tuneżija u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/1347.

(14) […]

(15) Skont ir-Regolament (UE) 2024/1348 pajjiż terz jista' biss jiġi ddeżinjat bħala pajjiż ta' oriġini sikur fejn, abbażi tas-sitwazzjoni legali, tal-applikazzjoni tal-liġi f'sistema demokratika u taċ-ċirkostanzi politiċi ġenerali, ikun jista' jintwera li ma hemm l-ebda persekuzzjoni kif definita fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/1347 u l-ebda riskju reali ta' dannu serju kif definit fl-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament.

(16) […] Meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk u fit-Tuneżija, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, […] ***jista' jiġi konkluż li dawk il-pajjiżi jissodisfaw il-kriterji biex jitqiesu bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/1348 u*** jenħtieġ li jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. ***Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jiddeżinjaw pajjiżi terzi oħra bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell nazzjonali u għad-deżinjazzjoni futura possibbli ta' pajjiżi terzi addizzjonali, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1348 bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni permezz ta' emendi futuri għal dak ir-Regolament.***

(17) Id-deżinjazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, skont liema, l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi u l-ġurnalisti.

***(17a) Bidliet sinifikanti f'pajjiż terz iddeżinjat bħala pajjiż terz sikur jew bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni jistgħu jaffettwaw b'mod sproporzjonat żoni jew gruppi speċifiċi ta' persuni f'dak il-pajjiż, u dan joħloq ħtiġijiet ta' protezzjoni differenti għal ċerti applikanti minn dak il-pajjiż u l-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati l-garanziji proċedurali ta' dawk l-applikanti. Ir-Regolament (UE) 2024/1348 jintroduċi l-possibbiltà li pajjiż terz jiġi ddeżinjat bħala pajjiż terz sikur jew pajjiż ta' oriġini sikur b'eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi tat-territorju tiegħu jew għal kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar. Ir-Regolament (UE) 2024/1348 jipprevedi wkoll li l-Kummissjoni tissospendi d-deżinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur jew bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni permezz ta' att delegat fejn ikun hemm bidla sinifikanti għall-agħar fis-sitwazzjoni ta' dak il-pajjiż. Sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni fejn pajjiż terz iddeżinjat bħala pajjiż terz sikur jew bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni ma jibqax jissodisfa, għat-territorju kollu tiegħu jew għal ċerti kategoriji ta' persuni fil-popolazzjoni ta' dak il-pajjiż, il-kundizzjonijiet materjali għal tali deżinjazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1348, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE sabiex tissospendi parzjalment dik id-deżinjazzjoni fir-rigward ta' partijiet speċifiċi tat-territorju jew kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar fil-pajjiż terz ikkonċernat għal perjodu ta' sitt xhur, fejn ikun meħtieġ, xieraq u proporzjonat fid-dawl tal-bidliet sinifikanti fil-pajjiż li jaffettwaw dik il-parti jew il-kategorija ta' persuni.***

***Barra minn hekk, fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tal-att delegat li jipprevedi s-sospensjoni parzjali tal-pajjiż terz, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tneħħi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-deżinjazzjoni ta' dak il-pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur jew bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni, dawk il-partijiet tat-territorju jew il-kategoriji ta' persuni li għalihom tapplika s-sospensjoni. Meta Stat Membru sussegwentement jinnotifika lill-Kummissjoni li huwa jqis, abbażi ta' valutazzjoni sostanzjata, li, wara bidliet fis-sitwazzjoni ta' dak il-pajjiż terz, huwa jerġa' jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-pajjiż kollu kemm hu jew ta' ċerti partijiet tat-territorju jew tal-popolazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni tista' tipproponi li temenda d-deżinjazzjoni ta' dak il-pajjiż bħala pajjiż terz sikur jew bħala pajjiż ta' oriġini sikur kif xieraq.***

(18) Meta wieħed iqis li s-sitwazzjoni migratorja tista' tinbidel malajr u li hemm pressjoni akbar li tirriżulta mill-wasliet ta' flussi mħallta bi proporzjon għoli minn dawk il-persuni jkollhom opportunità baxxa li jirċievu protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-raġuni għall-aċċellerazzjoni tal-eżami tal-applikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu […] ***42(1)(j)*** tar-Regolament (UE) 2024/1348, minn data aktar kmieni mid-data ġenerali tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament***, dment li l-Istati Membri jkunu ttrasponew u implimentaw id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri rilevanti stabbiliti fid-Direttiva 2013/32/UE***. Dan jippermetti lill-Istati Membri jirreaġixxu malajr u b'mod flessibbli għall-bidliet fil-flussi migratorji. Meta jitqies li l-applikazzjonijiet minn tali applikanti x'aktarx li jkunu bla bażi, it-trattament tagħhom malajr fi proċedura aċċellerata jew fuq il-fruntiera jippermetti lill-awtoritajiet tal-ażil u tal-migrazzjoni jivvalutaw b'mod aktar effiċjenti t-talbiet ġenwini, jieħdu deċiżjonijiet aktar rapidi u b'hekk jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar u aktar kredibbli tal-politiki dwar l-ażil u r-ritorn, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali.

(19) Barra minn hekk, sabiex jitqiesu ***ulterjorment*** sitwazzjonijiet kumplessi u attwali f'pajjiżi terzi ***li mhumiex iddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri jew pajjiżi terzi sikuri fil-livell tal-Unjoni***, ***jenħtieġ li***, l-Istati Membri, meta japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-deżinjazzjoni nazzjonali ta' […] ***tali pajjiżi***, […] ikunu jistgħu jagħmlu dan b'eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi tat-territorju […] ***tagħhom*** jew għal kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar, qabel ma jibda japplika r-Regolament 2024/1348.

(20) Billi l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni u l-avvanz tal-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament 2024/1348, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

(21) [...]F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat [...], bl-ittra tat-***22 ta' Lulju 2025***, [...] ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan [...] ir-***Regolament***.[…]

(22) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u ***ma***t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(23) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

(24) Ir-Regolament (UE) 2024/1348 jeħtieġ li jiġi emendat skont dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2024/1348 huwa emendat kif ġej:

***(-1) Fl-Artikolu 60, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 74 dwar is-sospensjoni, totali jew parzjali, tad-deżinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur fil-livell tal-Unjoni, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 63.";***

***(0) Fl-Artikolu 61, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"1. Pajjiżi terzi […] jistgħu jiġu ddeżinjati biss bħala pajjiżi ta' oriġini […] sikuri […] f'konformità ma' dan ir-Regolament fejn, abbażi tas-sitwazzjoni legali, tal-applikazzjoni tal-liġi f'sistema demokratika u taċ-ċirkostanzi politiċi ġenerali, ikun jista' jintwera li ma hemm l-ebda persekuzzjoni kif definita fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/1347 u l-ebda riskju reali ta' dannu serju kif definit fl-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament.";***

(1) L-Artikolu 62[…] huwa emendat kif ġej:

***(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"1. Pajjiżi terzi […] jistgħu jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 61 u dan l-Artikolu.";***

[…]***(b)*** […] ***il-paragrafi*** li ġejjin ***jiddaħħlu wara l-paragrafu 1***:

***"1a. Il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament huma ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.***

[…]***1b.*** Il-pajjiżi ***terzi*** […] li ngħataw l-istatus ta' […] ***S***tati kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni huma ***wkoll*** iddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, għajr fejn tkun tapplika ***waħda jew*** […] aktar miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) ikun hemm theddida serja […] għall-ħajja jew għall-persuna ta' persuna ċivili minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż;

(b) ikunu ġew adottati miżuri restrittivi skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea minħabba […] l-azzjonijiet ta' dak il-pajjiż ***terz li jaffettwaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u li huma rilevanti għad-deżinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur kif stabbilit fl-Artikolu 61***;

(c) il-proporzjon tad-deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali lill-applikanti mill-pajjiż – jew liċ-ċittadini tiegħu jew lil residenti abitwali preċedenti fil-każ ta' persuni apolidi – ikun ogħla minn 20 % ***tal-għadd totali ta' deċiżjonijiet għal dak il-pajjiż terz maħruġa mill-awtorità determinanti*** skont l-aħħar data medja annwali disponibbli tal-Eurostat għall-Unjoni kollha.[…]

***Meta kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (c), tapplika, jew ma tibqax tapplika, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri u lill-Kunsill b'dan. Fil-każ tal-punt (a), il-Kummissjoni għandha tikseb l-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill qabel ma tinforma lill-Istati Membri.";***

[…]

***(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 74 dwar is-sospensjoni, totali jew parzjali, tad-deżinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 63";***

***(2) L-Artikolu 63 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"Artikolu 63***

***Sospensjoni u tneħħija tad-deżinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur jew bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni***

***1. Fil-każ ta' bidliet sinifikanti fis-sitwazzjoni ta' pajjiż terz iddeżinjat bħala pajjiż terz sikur jew bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni sostanzjata tal-issodisfar tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 59 jew 61 minn dak il-pajjiż terz u, fejn il-Kummissjoni tqis li dawk il-kundizzjonijiet ma għadhomx jiġu ssodisfati, totalment jew parzjalment, japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:***

***(a) meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 59 jew 61 ma jibqgħux jiġu ssodisfati fir-rigward ta' partijiet speċifiċi tat-territorju tal-pajjiż terz jew ta' kategoriji identifikabbli b'mod ċar ta' persuni fil-pajjiż, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 74 biex tissospendi parzjalment id-deżinjazzjoni ta' dak il-pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur jew bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni għal dawk il-partijiet jew il-kategoriji għal perjodu ta' sitt xhur;***

***(b) meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 59 jew 61 ma jibqgħux jiġu ssodisfati fir-rigward tat-territorju kollu jew tal-popolazzjoni kollha tal-pajjiż terz, il-Kummissjoni […] għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 74 biex tissospendi totalment id-deżinjazzjoni ta' dak il-pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur jew bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni għal perjodu ta' sitt xhur.***

***2. Il-Kummissjoni għandha kontinwament tirrieżamina s-sitwazzjoni fil-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1, filwaqt li tqis, fost l-oħrajn, informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri u mill-Aġenzija għall-Ażil dwar bidliet sussegwenti fis-sitwazzjoni ta' dak il-pajjiż terz.***

3. ***Meta l-Kummissjoni tkun adottat att delegat f'konformità mal-paragrafu 1, <u>il-punti (a) jew (b)</u>, li jissospendi d-deżinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur jew bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni <u>għal ċerti partijiet tat-territorju għal jew ċerti kategoriji ta' persuni tal-pajjiż terz ikkonċernat, jew għal kollha</u>, hija għandha, fi żmien tliet xhur mid-data tal-adozzjoni ta' dak l-att delegat, tippreżenta proposta, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, […] <u>sabiex:</u>***

   ***<u>(a) temenda d-deżinjazzjoni ta' dak il-pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur jew bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni biex tipprevedi eċċezzjonijiet għad-deżinjazzjoni għall-partijiet speċifiċi tat-territorju jew għall-kategoriji identifikabbli b'mod ċar ta' persuni koperti mill-att delegat adottat skont il-paragrafu 1, il-punt (a); jew</u>***

   ***<u>(b)</u> tneħħi d-deżinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur jew […] <u>bħala</u> pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni.***

4. ***Meta l-Kummissjoni ma tkunx ippreżentat proposta kif imsemmi fil-paragrafu 3 fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tal-att delegat kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-att delegat […] ma għandux jibqa' jkollu effett. Fejn il-Kummissjoni tippreżenta tali proposta fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tal-att delegat kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, abbażi ta' valutazzjoni sostanzjata, li testendi l-validità ta' dak l-att delegat għal perjodu ta' sitt xhur, bil-possibbiltà li ġġedded dik l-estensjoni darba.***

5. *Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, fejn il-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni biex titneħħa jew tiġi emendata d-deżinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur jew pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni ma tiġix adottata fi żmien 15-il xahar minn meta l-proposta tkun ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni, is-sospensjoni totali jew parzjali tad-deżinjazzjoni tal-pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur jew bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni ma għandux jibqa' jkollha effett.";*

*(3) L-Artikolu 64 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"Artikolu 64*

*Deżinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur jew pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali*

1. *L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-deżinjazzjoni nazzjonali ta' pajjiżi terzi sikuri jew pajjiżi ta' oriġini sikuri għajr dawk iddeżinjati fil-livell tal-Unjoni għall-fini tal-eżami ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali.*

2. *Fejn id-deżinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur jew bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni tkun ġiet sospiża, totalment jew parzjalment, permezz ta' att delegat adottat skont l-Artikolu 63(1), il-punti (a) jew (b), l-Istati Membri ma għandhomx jiddeżinjaw dak il-pajjiż bħala pajjiż terz sikur jew pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali.*

3. ***Fejn id-deżinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur jew bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni tkun […] <u>tneħħiet jew ġiet emendata</u> f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, Stat Membru jista' jinnotifika lill-Kummissjoni li huwa jqis li, wara bidliet fis-sitwazzjoni ta' dak il-pajjiż, dan qed jerġa' jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 59(1) […] <u>jew</u> fl-Artikolu 61.***

***In-notifika għandha tinkludi valutazzjoni sostanzjata tal-fatt li dak il-pajjiż qed jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 59(1) […] <u>jew</u> fl-Artikolu 61, inkluż spjegazzjoni tal-bidliet speċifiċi fis-sitwazzjoni tal-pajjiż terz li tiżgura li dak il-pajjiż qed jerġa' jissodisfa dawk il-kundizzjonijiet. <u>Fejn applikabbli, l-Istat Membru għandu jispeċifika fin-notifika tiegħu l-partijiet tat-territorju jew il-kategoriji ta' persuni tal-pajjiż terz li għalihom tapplika l-valutazzjoni tiegħu</u>.***

***Wara n-notifika, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Aġenzija għall-Ażil tipprovdilha informazzjoni u analiżi dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż terz.***

***<u>Meta l-pajjiż terz innotifikat mill-Istat Membru tkun tneħħietlu d-deżinjazzjoni tiegħu bħala pajjiż terz sikur jew bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni skont l-Artikolu 63(3), il-punt (b),</u> […]<u>l-</u>Istat Membru notifikanti jista' jiddeżinja biss lil dak il-pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur jew bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali dment li l-Kummissjoni ma toġġezzjonax għal dik id-deżinjazzjoni.***

*Id-dritt ta' oġġezzjoni tal-Kummissjoni għandu jkun limitat għal perjodu ta' sentejn wara d-data li fiha d-deżinjazzjoni ta' dak il-pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur jew pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni tkun tneħħiet. Kwalunkwe oġġezzjoni mill-Kummissjoni għandha tinħareġ fi żmien tliet xhur wara d-data ta' kull notifika mill-Istat Membru u wara rieżami dovut tas-sitwazzjoni f'dak il-pajjiż terz, b'kont meħud tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 59(1) u 61 ta' dan ir-Regolament.*

*Meta […] l-Kummissjoni tqis li […] l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 59(1) jew 61 jerġgħu jkunu ssodisfati[…] fir-rigward tal-partijiet tat-territorju jew tal-kategoriji ta' persuni, kollha jew uħud minnhom, tal-pajjiż terz koperti min-notifika rċevuta skont l-ewwel subparagrafu, […] hija tista' tippreżenta proposta biex dan ir-Regolament jiġi emendat, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, sabiex […] dak il-pajjiż terz jiġi ddeżinjat bħala pajjiż terz sikur jew pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni fir-rigward tal-kategoriji ta' persuni jew tal-partijiet tat-territorju tal-pajjiż terz li fihom ikunu ssodisfati dawk il-kundizzjonijiet.*

4. ***L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija għall-Ażil dwar il-pajjiżi terzi li huma ddeżinjati bħala pajjiżi terzi sikuri jew pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell nazzjonali sat-12 ta' Ġunju 2026 u immedjatament wara kull deżinjazzjoni jew bidla fid-deżinjazzjonijiet. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija għall-Ażil darba fis-sena dwar il-pajjiżi terzi sikuri l-oħra li għalihom jiġi applikat il-kunċett fir-rigward ta' applikanti speċifiċi kif imsemmi fl-Artikolu 59(4), il-punt (b).";***

***(4) L-Artikolu 78 huwa emendat kif ġej:***

***(a) fil-paragrafu 2, il-kliem "l-Anness" huma sostitwiti bil-kliem 'Anness I';***

***([…]5)*** L-Artikolu 79 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2 jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Madankollu, l-Artikolu 59(2), l-Artikolu 61(2) u l-Artikolu 61(5)***,*** il-punt (b)***,*** għandhom japplikaw […] mid-***data*** tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) …/… [li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348] fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż ***ta' oriġini***[…] sikur" f'konformità mal-Artikoli 36 u 37 tad-Direttiva 2013/32/UE u dak ta' "pajjiż ***terz*** […] sikur" f'konformità mal-Artikolu 38 tad-Direttiva 2013/32/UE ***qabel it-12 ta' Ġunju 2026***.";

(b) fil-paragrafu 3 jiżdied is-subparagrafu li ġej:

***"Stat*** Membru […] jista' japplika l-Artikolu 42(1), il-punt (j)**,** u l-Artikolu 42(3), il-punt (e), bħala raġunijiet għall-proċedura ta' eżami aċċellerata f'konformità mal-Artikolu 31(8) tad-Direttiva 2013/32/UE jew għall-proċedura mwettqa fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu f'konformità mal-Artikolu 43 tad-Direttiva 2013/32/UE qabel it-12 ta' Ġunju 2026 ***jekk ikun ittraspona d-dispożizzjonijiet rilevanti u implimenta l-proċeduri speċjali msemmija f'dan l-Artikolu fil-livell nazzjonali qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) …/…[li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348]."***;

***(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"4. Għall-Istati Membri li mhumiex marbuta bid-Direttiva 2013/32/UE, ir-referenzi magħmula fil-<u>paragrafi 2 u 3</u> ta' dan l-Artikolu għandhom jinftiehmu bħala referenzi għad-Direttiva 2005/85/KE.";***

***([…]6) it-titlu "Anness" huwa sostitwit b'"Anness I" u*** t-test ***li jinsab*** fl-Anness ta' dan ir-Regolament jiżdied bħala l-Anness II ***tar-Regolament (UE) 2024/1348***.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**"ANNESS II**

Il-pajjiżi terzi li ġejjin huma iddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni:

Bangladesh

Kolombja

Eġittu

Indja

Kosovo*

Marokk

Tuneżija

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo."